**30 ta' Lulju, 1992**

**Imħallef: -**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mario P. Vella

**Appell - Terminu - Ġranet tax-Xogħol**

*Għalkemm l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa huma ġranet li fihom ma għandhomx ordinarjament isiru seduti tal-Qrati u anqas jiġu pprezentati, maħruġa, notifikati jew esegwiti atti ġudizzjarji, dawn il-jumejn huma ġranet tax-xogħol għall-finijiet ta' l-artikoli 417(1) tal-Kap. 9*

Il-Qorti: -

Rat is-sentenza ta' l-10 ta' April, 1992 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' Mario P. Vella Gatt li bih talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza, u tillibera lir-rikorrent "mill-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u minn kull piena skond il-liġi";

Rat l-atti l-oħrajn kompriż il-verbal tat-18 ta' Ġunju, 1992 quddiem din il-Qorti li bih l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullità tar-rikors ta' l-appell stante li dan ġie pprezentat *fuori termine* għaliex kien jiskadi fit-23 ta' April, 1992 u mhux fis-27 ta' April, 1992 meta ġie pprezentat;

Ikkunsidrat dwar din l-eċċezzjoni illi:

1. Is-sentenza appellata ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta. Għalhekk ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrent kellu jiġi pprezentat fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tas-sentenza (artikolu 417(1) Kapitolu 9);

2. Il-ġranet tax-xogħol matul is-sena huma evidentement dawk li m'humiex iddikjarati li huma btajjel pubbliċi fl-Att ta' l-1975 dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, kif emendat bl-Att numru VIII ta' l-1989. L-artikolu 3 ta' dan l-Att jiddisponi li l-Festi Nazzjonali jkunu btajjel pubbliċi. L-artikolu 5(1) ta' l-istess Att jiddisponi: "Il-Ħdud u l-jiem imniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att ikunu btajjel pubbliċi". Is-Sibtijiet kollha tas-sena, bħala Sibtijiet, u l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa m'humiex kompriżi f'dik l-Iskeda. Għalhekk dawn is-Sibtijiet u l-Erbgħa u l-Ħamis imsemmijin, skond il-liġi huma, bħala regola ġenerali, ġranet tax-xogħol;

3. Biss l-artikolu 696 tal-Kodiċi Kriminali jgħid: "F'dan il-Kodiċi l-frażi 'jiem tax-xogħol' ma tinkludix is-Sibtijiet". Mela għall-fini tat-termini preskritti fil-Kodiċi Kriminali u s-Sibtijiet m'humiex ġranet tax-xogħol. Ma hemm ebda disposizzjoni simili a rigward l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dawn il-jumejn għalhekk, għall-fini tat-termini msemmijin, għandhom jiġu komputati bħala ġranet tax-xogħol. Dan minkejja li fihom ma għandhomx ordinarjament isiru seduti tal-Qrati u lanqas jiġu ppreżentati, maħruġa, notifikati jew esegwiti atti ġudizzjarji (artikolu 109 Kap. 12 u 520(1)(d) Kap. 9);

4. Is-sentenza appellata ġiet mogħtija nhar il-Ġimgħa, 10 ta' April, 1992. Mela t-tmint ijiem tax-xogħol li kellhom jiġu komputati għalbiex jiġi ppreżentat ir-rikors ta' appell minnha mir-rikorrent kienu dawn: 13, 14, 15 u 16 ta' April 1992 (il-jumejn ta' l-aħħar l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa), l-20, 21, 22 u 23 ta' April, 1992. Ir-rikors relattiv ta' l-appellant ġie ppreżentat fis-27 ta' April, 1992 jiġifieri barra mit-terminu preskritt mil-liġi;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni msemmija sollevata mill-Avukat Ġenerali, tiddikjara l-appell null, u f'dak is-sens tiċħad appell.